



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2020
(OR. fr)

10611/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0076 (NLE)

ACP 82
WTO 165
COAFR 241
RELEX 619

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-proċeduri tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-
Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-proċeduri tar-risoluzzjoni
tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim")¹ ġie ffirmat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE². Dan qiegħed jiġi applikat b'mod provviżorju mit-3 ta' Settembru 2016.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 59(1) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta r-regolament tal-proċedura li jirregola l-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim.
- (3) Il-Kumitat tal-FSE, fil-laqgħa annwali tiegħu li jmiss, se jkun meħtieġ jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim u l-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri anness magħhom.
- (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-FSE, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim u l-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri sa fejn din id-deċiżjoni tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni ta' dan tal-aħħar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 59, 3.3.2009, p. 3

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 59, 3.3.2009, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, hija bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE tal-adozzjoni tal-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 10612/20 hawnhekk: <http://register.consilium.europa.eu>